KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San Ġużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

E-Mail: santavenera.lc@gov.mt

Web page: http://www.stvenera.gov.mt

6/17

**Minuti tas-sitt laqgħa tas-sbatax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta 27 ta' April 2010, fis-6pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Mistiedna: | Is-Sinjura Romina Perici Ferrante | - | Accountant |
| | Ing. Antoine Busuttil | - | |
| | Ing. Jonathan Scerri | - | Econing Ltd |
| | Perit Mariello Spiteri | - | EMDP |

1.0 Item 1: Talba

1.1 Il-laqgħa infetħet b'talba qasira mis-Sindku.

1.2 Is-Sindku talbet is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex titkellem dwar email li rċeviet mingħand is-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

L-email kienet titratta li s-Segretarju Eżekuttiv stess dalwaqt kien se jiġi trasferit. Mistoqsi mis-Sindku r-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan hu proċess naturali. Is-Sur Sultana qal li l-Kunsill se jitlef pilastru u staqsa lis-Sindku x'kien se jkun il-pass li jmiss.

Is-Sindku wieġbet li s-Segretarju Eżekuttiv stess ta l-parir li tikkomunika mas-Sur James Catania, Assistent Direttur HR fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, kif filfatt kienet diġa għamlet u li minnaħa tiegħu is-Sur Catania qalilha li se jgħaddi lill-Kunsill lista ta' kandidati sabiex il-Kunsill jagħżel minnhom.

Il-Kunsill qabel li l-bord tal-għażla għandu jkun iffirumat mill-Kunsill kollu inkluż is-Segretarju Eżekuttiv eżistenti li jkun is-segretarju tal-bord iżda li ma jkollux vot.

1.3 F'dan l-istadju (6:10pm) is-Sur Briffa daħal fil-kamra u ħa postu madwar il-mejda.

2.0 Item 2: Qari u approvazzjoni tal-minuti

2.1 Il-minuti tas-6 ta' April 2010, tal-10 ta' April 2010 u tat-13 ta' April 2010 ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati kif koreġuti.

*Minuti tas-6 ta' April 2010*

2.1.1 Minuta 3.4.5: Jinqatgħu l-kliem 'sal-istitut Apap għax inkella ma jaqbilx' u minflok jitniżlu l-kliem 'għaż-żewġ naħat tal-bankina'.

2.1.2 Minuta 3.4.11: Jiżdiedu l-kliem 'parti mill-' eżatt qabel il-kliem 'l-bankina ssir bil-madum'.

*Minuti tat-13 ta' April 2010*

2.1.3 Addenda ma minuta 2.1.6: 'Is-Sur Sultana innota li d-dokument kien datat Frar u ħabba f'hekk talab jistax isiru emendi fih'.

2.2 Is-Sindku talbet is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-Kunsill jitratta t-tieni xogħol tal-Ordinjiet tal-Ġurnata imbagħad eżatt wara jitratta l-ewwel xogħol tal-Ordnijiet tal-Ġurnata. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

3.0 <u>Item 7: Ordnijiet tal-Ġurnata</u>

*(b) Preżentazzjoni – Kwotazzjoni Patt tas-Sindki*

L-inġinier Antoine Busuttil qal li ħafna mill-informazzjoni diġa miġbura u hi attwali pero jonqos xi informazzjoni oħra. Lest jagħmel traffic counts fi triq indikata mill-Kunsill. Qal li qed jaħdem proġett simili mall-Kunsill tal-Għarghur.

L-inġinier Jonathan Scerri (econing) qal li hu se jibbaża r-rapport fuq l-informazzjoni tas-sena 2005 u hu imqabbad ma disa Kunsilli Lokali oħra permezz tal-AKL iżda mhux se jagħmel traffic counts.

Il-Perit Mariello Spiter (EMDP) qal li hu se jibbaża r-rapport fuq l-informazzjoni tas-sena 1990 jew sena oħra indikata mill-Kunsill. Informazzjoni bħal traffic counts diġa għandu. Iddikjara li jaħdem ma Scicluna & Associates u s'issa qatt ma għamel rapport simili lil xi Kunsill Lokali ieħor.

Is-Sur Sultana qal li hu jippreferi lill-Inġinier Scerri għax għandu l-akbar esperjenza u rakkomandat mill-AKL. Dan apparti li l-Kunsill għandu esperjenza mhux daqshekk tajba mal-Perit Spiteri minħabba dewmien.

Il-Kunsill qabel li jiddeċiedi f'laqgħa oħra.

*(a) Rendikont Finanzjarju sa Marzu 2010*

Wara li l-accountant ippreżentat ir-rendikont finanzjarju, il-Kunsill qabel li jinnegozja mall-Perit prezz għax-xogħol li għamel u li qed jagħmel fir-rigward tal-proġetti l-kbar, fuq il-fondi tal-aċċesibilita tinkiteb ittra lid-dipartiment li tgħid li l-fondi mogħtija mhux biżżejjed u jitwarbu €3,000 għar-rapport tal-Patt tas-Sindki. Il-fondi tal-UIF jibqgħu kif u fejn huma sakemm issir l-applikazzjoni tal-proġett tal-bankina u jkunu rilaxxati l-fondi mill-bankina ta' Triq il-Brunżar.

F'dan l-istadju (8:25pm) is-Sur Bugeja talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

Is-Sur Anastasi ippropona sabiex ir-rendikont ikunu approvat kif ikkoreġut. Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Briffa. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Sultana qal li avolja hu ivvota favur, u dan għax jemmen li r-rendikont sar tajjeb, ma jistax jaqbel mad-defiċit.

L-accountant tat parir lill-Kunsill sabiex ma jonfoqx fuq proġetti kapitali għall-inqas sa Ġunju 2010.

4.0 <u>Item 8: Aġġornament</u>

4.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li hi kienet se tkun imsiefra bejn id-29 ta' April u l-4 ta' Mejju 2010. Qalet ukoll li fil-perjodu tista taqbeż qabża Brussels għas-spejjeż tagħha biex tiffirma l-Patt tas-Sindki. Il-Kunsill qabel.

4.2 Il-Kunsill qabel li titneħħa l-linja safra li hemm quddiem il-garaxx tal-familja Frendo fi Triq it-Turretta.

4.3 Il-Kunsill qabel li jistaqsi lit-TM dwar possibilita ta' barriers mat-turretta biex ikun evitat periklu.

4.4 Il-Kunsill qabel li l-bankina ta' quddiem residenza 'Mamma Mia' li tinsab fi Triq il-Fawwara issir aċċessibli peress li hemm persuna li tuża s-siġġu tar-roti.

4.5 Il-Kunsill qabel li jikteb ittra lill-kuntrattur li ħadem quddiem 31 Triq Abela peress li ħalla l-ħmieġ u allegatament kisser il-bankina.

4.6 Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Ministru tal-Edukazzjoni tikkonferma jew tiċħad jekk il-Kulleġġ Santa Tereża Skola Sekondarja Subien hux se tkun okkupata mir-refuġjati wara li l-iskola tingħalaq.

4.7 Il-Kunsill qabel li jitlob permess speċjali mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Gwardjani Lokali għal tifla b'diżabilita bl-isem ta' Jenine biex tkun tista titwassal u tinġabar minn quddiem il-bieb tal-iskola avolja t-triq tkun magħluqa għat-traffiku.

4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva talba mill-Każin tal-Banda għal laqgħa dwar il-festa. Il-Kunsill qabel li jiltaqa mal-għaqdiet lokali relatati mall-festa aktar tard.

4.9 Peress li kienu saru d-9pm u allura kienu għaddew it-tlett siegħat tal-laqgħa permessi mill-liġi, il-laqgħa intemmet u t-tkomplija tagħha ġiet aġġornata għal mhar it-Tnejn 10 ta' Mejju 2010 fis-6pm.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar<br>Segretarju Eżekuttiv | Ikkonfermati | Elizabeth Vella<br>Chairperson |